Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►**B** **REGOLAMENT (UE) 2015/936 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

tad-9 ta' Ġunju 2015

dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tessili minn għadd ta' pajjiżi terzi mhux koperti minn ftehim bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra, jew minn regoli speċifiċi ta' importazzjoni tal-Unjoni oħrajn

(tfassil mill-ġdid)

(ĠU L 160, 25.6.2015, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament (UE) 2017/354 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017	L 57	31	3.3.2017

▼B

REGOLAMENT (UE) 2015/936 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Ġunju 2015

dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tessili minn għadd ta' pajjiżi terzi mhux koperti minn ftehim bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra, jew minn regoli speċifiċi ta' importazzjoni tal-Unjoni oħrajn

(tfassil mill-ġdid)

KAPITOLU I

PRINĊIPJI ĠENERALI

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament japplika għall-importazzjoni tal-prodotti tessili li jaqgħu fi ħdan it-Taqsima XI tat-Tieni Parti tan-Nomenklatura Magħquda stipulata fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]) u ta' prodotti tessili oħra, kif imniżżla fl-Anness I, li joriġinaw f' pajjiżi terzi u li ma jkunux koperti minn ftehim bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra, jew minn regoli speċifiċi oħra ta' importazzjoni tal-Unjoni.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, prodotti tessili li jaqgħu fi ħdan it-Taqsima XI tat-Tieni Parti tan-Nomenklatura Magħquda stipulata fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandha titqassam f'kategoriji kif speċifikat fit-Taqsima A tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' prodotti koperti mill-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) elenkati fit-Taqsima B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

3. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "prodotti li joriġinaw" u l-metodi għall-kontroll tal-oriġini ta' dawk il-prodotti għandhom ikunu iddefiniti mir-regoli fis-seħħ rilevanti tal-Unjoni.

Artikolu 2

Importazzjonijiet lejn l-Unjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 u li joriġinaw f'pajjiżi terzi għajr dawk elenkati fl-Anness II, għandhom ikunu b'xejn u għalhekk mhux suġġetti għal kwalunkwe restrizzjoni kwantitattiva, mingħajr preġudizzju għal miżuri li jistgħu jittieħdu taħt il-Kapitolu III u għal dawk li kienu ttieħdu jew li jistgħu jittieħdu taħt regoli speċifiċi komuni ta' importazzjoni għall-perjodu li matulu dawk ir-regoli japplikaw.,

Artikolu 3

1. Importazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' prodotti tessili elenkati fl-Anness III u li joriġinaw f'pajjiżi li jidhru f'dak l-Anness għandhom ikunu suġġetti għal-limiti kwantitattivi annwali stabbiliti f'dak l-Anness.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u n-nomenklatura tal-istatistika u t-Tariffa Komuni Doganali (verżjoni Maltija mhux disponibbli (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

▼B

2. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni ta' importazzjonijiet suġġetti għal-limiti kwantitattivi msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun suġġett għall-preżentazzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni jew dokument ekwivalenti maħruġ mill-awtoritajiet tal-Istati Membri skont il-proċedura stipulata f'dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet awtorizzati skont dan il-paragrafu għandhom jiġu addebitati kontra l-limiti kwantitattivi ffissati għas-sena kalendarja li għaliha jkunu ġew iffissati limiti kwantitattivi.

3. Kwalunkwe prodott tessili msemmi fl-Anness IV u li joriġina fil-pajjiżi terzi hemmhekk indikati jista' jiġi importat lejn l-Unjoni kemm-il darba jkun ġie stabbilit limitu kwantitattiv annwali mill-Kummissjoni. Kwalunkwe limitu kwantitattiv bħal dan għandu jkun ibbażat fuq flussi preċedenti ta' kummerċ, jew fejn dan ma jkunx disponibbli, stimi debitament ġustifikati ta' tali flussi ta' kummerċ. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelgati skont l-Artikolu 31 biex temenda l-Annessi ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-istabbiliment ta' tali limiti kwantitattivi annwali.

4. L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' prodotti tessili barra dawk koperti fil-paragrafi 1 u 3 u li joriġinaw fil-pajjiżi indikati fl-Anness II għandhom ikunu ħielsa, suġġett għal miżuri li jistgħu jittieħdu taħt il-Kapitolu III u ta' miżuri li jkunu ttieħdu jew li jistgħu jittieħdu taħt regoli komuni ta' importazzjoni speċifiċi sakemm idumu dawk ir-regoli.

Artikolu 4

1. Mingħajr preġudizzju għal miżuri li jistgħu jittieħdu taħt il-Kapitolu III jew taħt regoli komuni ta' importazzjoni speċifiċi, importazzjonijiet mill-ġdid lejn l-Unjoni ta' prodotti tessili wara li jkunu pproċessati f'pajjiżi terzi għajr dawk elenkati fl-Anness II m'għandhomx ikunu suġġetti għal limitazzjonijiet kwantitattivi.

▼M1

_____

▼B

Artikolu 5

1. Il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 30 jista' jikkunsidra kull materja relatata mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imqajma mill-Kummissjoni jew wara talba minn Stat Membru.

2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 31 fir-rigward tal-miżuri meħtieġa biex jiġu adattati l-Annessi III sa VI meta jkunu individwati problemi rigward il-funzjonament effettiv tagħhom.

KAPITOLU II

Il-PROĊEDURA TA' INFORMAZZJONI U INVESTIGAZZJONI TAL-UNJONI

Artikolu 6

1. Fir-rigward tal-prodotti tessili elenkati fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, fi żmien 30 jum wara l-għeluq ta' kull xahar, it-total tal-kwantitajiet importati matul dak ix-xahar skont il-pajjiż tal-oriġini u l-kodiċi NM u l-unitajiet, inkluż fejn xieraq unitajiet supplimentari tal-kodiċi NM. L-importazzjonijiet għandhom jinqasmu skont il-proċeduri statistiċi fis-seħħ.

▼B

2. Sabiex ikunu jistgħu ikunu monitorati ix-xejriet tas-suq tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, data statistika dwar l-esportazzjonijiet tas-sena preċedenti. Id-data statistika dwar il-produzzjoni u l-konsum ta' kull prodott għandha tintbagħat lill-Kummissjoni taħt arranġamenti li għandhom jiġu determinati sussegwentement skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(3).

3. Fejn in-natura tal-prodotti jew ċirkostanzi partikolari jitolbu hekk, il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' xi Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tibdel l-iskadenzi biex tiġi kkomunikata l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(3).

4. Fil-każijiet urġenti msemmija fl-Artikolu 13, l-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernati għandhom jibagħtu l-istatistika dwar importazzjonijiet u d-data ekonomika meħtieġa lill-Kumissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien.

Artikolu 7

1. Fejn il-Kummissjoni jidhrilha li hemm biżżejjed provi biex tkun ġustifikata investigazzjoni, fir-rigward tal-kondizzjonijiet ta' importazzjoni ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni għandha tagħti bidu għal investigazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri ladarba tkun iddeterminat li hemm ħtieġa li tagħti bidu għal tali investigazzjoni.

2. Minbarra l-informazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 6, il-Kummissjoni għandha tfittex kull informazzjoni li jidhrilha meħtieġa u għandha tagħmel ħilitha sabiex tivverifika dik l-informazzjoni mal-importaturi, il-kummerċjanti, l-aġenti, l-produtturi, u -assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet tal-kummerċ.

Il-Kummissjoni għandha tkun assistita f'din il-ħidma mill-persunal tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun qed issir din l-verifika, kemm-il darba dan l-Istat Membru jkun jixtieq dan.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha u skont proċeduri stipulati minnha, bl-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħhom dwar żviluppi fis-suq tal-prodott li jkun qed jiġi investigat.

4. Il-Kummissjoni tista' tisma' lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi interessati. Dawn il-partijiet jridu jinstemgħu meta ikunu applikaw bil-miktub fil-perjodu stipulat fl-avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u wrew li huma jkunu x'aktarx sa jintlaqtu mir-riżultat tal-investigazzjoni u li jkun hemm raġunijiet speċjali għas-smigħ orali tagħhom.

5. Fejn l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni ma tkunx ipprovduta f'perjodu raġonevoli, jew l-investigazzjoni tkun sostanzjalment imfixkla, is-sejbiet għandhom isiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

6. Fejn il-Kummissjoni tkun intalbet biex taġixxi minn xi Stat Membru u ssib li m'hemmx biżżejjed evidenza biex tiġġustifika investigazzjoni, hija għandha, wara konsultazzjonijiet tinforma lill-Istat Membru bid-deċiżjoni tagħha.

▼B

Artikolu 8

1. Ma' tmiem l-investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar ir-riżultati lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 30.

2. Jekk il-Kummissjoni tqis li mhumiex meħtieġa miżuri ta' sorveljanza jew ta' salvagwardja mill-Unjoni, hi għandha, filwaqt li taġixxi f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(3), tiddeċiedi li tagħlaq l-investigazzjoni, filwaqt li tiddikjara l-konklużjonijiet ewlenin tal-investigazzjoni.

3. Jekk il-Kummissjoni tqis li huma meħtieġa miżuri ta' sorveljanza jew ta' salvagwardja mill-Unjoni, hija għandha tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa skont il-Kapitolu III.

Artikolu 9

1. Informazzjoni rċevuta b'mod konformi ma' dan ir-Regolament għandha tintuża biss għall-iskop li għalih tkun ġiet mitluba.

2. Il-Kummissjoni, l-uffiċjali tagħha, l-Istati Membri, u l-uffiċjali tagħhom m'għandhom jiżvelaw xi informazzjoni ta' natura kunfidenzjali irċevuta skont dan ir-Regolament, jew xi informazzjoni pprovduta fuq bażi kunfidenzjali, mingħajr il-permess speċifiku mill-fornitur ta' informazzjoni bħal din.

Kull talba għall-kunfidenzjalità għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex din l-informazzjoni hija kunfidenzjali.

B'danakollu, jekk ikun jidher li xi talba għall-kunfidenzalita ma tkunx ġġustifikata u jekk il-fornitur ta' din l-informazzjoni ma jkunx jixtieq li joħroġha pubblika u lanqas ma jkun jixtieq li jawtorizza l-iżvelar tagħha b'mod ġenerali jew f'forma ta' sommarju, l-informazzjoni kkonċernata tista' ma tingħatax kas tagħha.

3. L-informazzjoni għandha fi kwalunkwe każ titqies bħala kunfidenzjali jekk l-iżvelar tagħha aktarx ikollu effett avvers sinifikanti fuq il-fornitur jew fuq tali sors ta' informazzjoni.

4. Paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx jipprekludu referenza mill-awtoritajiet tal-Unjoni għal informazzjoni ġenerali u b'mod partikolari għal raġunijiet li fuqhom deċiżjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament ikunu bbażati. L-awtoritajiet tal-Unjoni għandhom, madankollu, iqisu l-interess leġittimu tal-persuni naturali jew ġuridiċi kkonċernati li s-sigrieti tan-negozju tagħhom m'għandhomx jiġu żvelati.

Artikolu 10

1. L-eżami tax-xejriet tal-importazzjonijiet, tal-kondizzjonijiet li fihom iseħħu l-importazzjonijiet, u tal-ħsara serja jew theddid ta' ħsara serja lill-produtturi tal-Unjoni li jirriżultaw minn tali importazzjonijiet, għandu jkopri b'mod partikolari il-fatturi li ġejjin:

(a) il-volum ta' importazzjonijiet, b'mod partikolari fejn kien hemm żieda sinifikattiva, kemm f'termini assoluti jew b'mod relattiv għall-produzzjoni jew il-konsum fl-Unjoni;

(b) il-prezzijiet tal-importazzjonijiet, partikolarment fejn kien hemm sottokwotazzjoni sinifikattiva fil-prezz meta mqabbel mal-prezz ta' prodott simili fl-Unjoni;

▼B

(c) l-impatt konsegwenti fuq il-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew direttament kompetittivi kif indikat minn tendenzi f'ċerti fatturi ekonomiċi bħal:

— produzzjoni,

— użu ta' kapaċita,

— ħażniet,

— bejgħ,

— sehem mis-suq,

— prezzijiet (i.e. tnaqqis fil-prezzijiet jew prevenzjoni ta' żidiet fil-prezzijiet li kieku soltu seħħew),

— il-profitti,

— introjtu minn kapital imħaddem,

— flussi ta' likwidità,

— l-impjiegi.

2. Waqt li tkun qed tmexxi l-investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti kas tas-sistema ekonomika partikluari tal-pajjiżi terzi msemmija fl-Anness II.

3. Fejn tkun allegata theddida serja ta' ħsara l-Kummissjoni għandha teżamina jekk wieħed jistax jobsor li sitwazzjoni partikolari tistax tiżviluppa fi ħsara reali. F'dan ir-rigward, jista' jingħata kas għal fatturi bħal:

(a) ir-rata ta' żieda fl-esportazzjonijiet tal-Unjoni;

(b) il-kapaċità ta' esportazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini jew tal-esportazzjoni, li tkun diġa tezisti jew li tkun se ssir operazzjonali fil-futur qrib, u l-probabbilta illi l-esportazzjonijiet li jirriżultaw ikunu lejn l-Unjoni.

TITOLU III

MIŻURI TA' SORVELJANZA U TA' SALVAGWARDJA

Artikolu 11

1. Fejn importazzjonijiet ta' prodotti tessili li joriġinaw f' pajjiżi terzi barra dawk elenkati fl-Anness II jheddu li jikkaġunaw ħsara lill-produzzjoni tal-Unjoni fuq prodotti simili jew f'kompetizzjoni diretta, il-Kummissjoni, li taġixxi fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tista':

(a) tiddeċiedi li tintroduċi sorveljanza retrospettiva mill-Unjoni ta' ċerti importazzjonijiet, skont il-proċedura ta' konsultazzjonimsemmija fl-Artikolu 30(2),

(b) tiddeċiedi, għall-iskop li timmonitorja x-xejriet ta' dawn l-importazzjonijiet, li tissoġġetta ċerti importazzjonijiet għal sorveljanza minn qabel mill-Unjoni, f'konformità mal-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 30(2).

▼B

2. Fejn importazzjonijiet ta' prodotti tessili li joriġinaw f'pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II u liberalizzati fil-livell tal-Unjoni jheddu li jikkaġunaw ħsara lill-produzzjoni tal-Unjoni ta' prodotti simili jew f'kompetizzjoni diretta, jew fejn l-interessi ekonomiċi tal-Unjoni jitolbu hekk, il-Kummissjoni, li taġixxi fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista':

(a) tiddeċiedi li tintroduċi sorveljanza retrospettiva mill-Unjoni ta' ċerti importazzjonijiet, f'konformità mal-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 30(2);

(b) tiddeċiedi, bl-iskop li timmonitorja x-xejriet ta' dawn l-importazzjonijiet, li tissoġġetta ċerti importazzjonijiet għal sorveljanza preventiva mill-Unjoni, f'konformità mal-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 30(2).

3. Il-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom, bħala regola, ikunu validi għal perjodu limitat.

Artikolu 12

1. Fejn importazzjonijiet ta' prodotti tessili li joriġinaw f'pajjiżi terzi barra dawk elenkati fl-Anness II iseħħu fi kwantitajiet miżjuda tali, assoluti jew relattivi, u/jew taħt kondizzjonijiet tali, li jikkaġunaw ħsara serja jew theddid reali ta' dan għall-produzzjoni tal-Unjoni ta' prodotti li huma simili jew f'kompetizzjoni diretta, il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tibdel ir-regoli ta' importazzjoni għall-prodott inkwistjoni billi tistipula li jista' jitqiegħed f' ċirkolazzjoni ħielsa biss fuq il-preżentazzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni, li l-għoti tagħha għandu jkun regolat minn dawk id-dispożizzjonijiet u suġġett għal dawk il-limiti li jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.

2. Fejn importazzjonijiet ta' prodotti tessili li joriġinaw f'pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II u liberalizzati fuq il-livell tal-Unjoni jseħħu fi kwantitajiet miżjuda tali, assoluti jew relattivi, u/jew taħt kundizzjonijiet tali, li jheddu li jikkaġunaw ħsara għall-produzzjoni tal-Unjoni ta' prodotti li huma simili jew f' kompetizzjoni diretta, jew fejn l-interessi ekonomiċi tal-Unjoni hekk jitolbu, il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, tibdel ir-regoli tal-importazzjoni għall-prodott inkwistjoni billi tistipula li jista' jitqiegħed f'ċirkulazzjoni ħielsa biss fuq il-preżentazzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni, li l-għoti tagħha għandu jkun regolat minn dawk id-dispożizzjonijiet u suġġett għal dawk il-limiti li jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31 dwar il-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu sabiex tibdel ir-regoli dwar l-importazzjoni għall-prodott inkwistjoni, inkluż billi temenda l-Annessi ta' dan ir-Regolament.

4. Il-miżuri msemmija f'dan l-Artiklu u fl-Artiklu 11 għandhom japplikaw għal kull prodott li jkun imqiegħed f'ċirkolazzjoni ħielsa wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn il-miżuri.

Madanakollu, miżuri bħal dawn m'għandhomx jipprevjenu r-riħi għal ċirkolzzjoni ħielsa ta' prodotti diġa mibgħuta lejn l-Unjoni kemm-il darba d-destinazzjoni ta' tali prodotti ma tistax tinbidel u dawk il-prodotti li, taħt dan l-Artikolu u l-Artikolu 11, jistgħu jitqiegħdu biss f'ċirkolazzjoni ħielsa fuq produzzjoni ta' dokument ta' sorveljanza jkunu fil-fatt akkumpanjati minn dokument bħal dan.

▼B

Skont l-Artikolu 16, miżuri msemmija f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 11 jistgħu jkunu ristretti għal reġjun wieħed jew aktar tal-Unjoni.

Artikolu 13

F'każijiet ta' emerġenza fejn in-nuqqas ta' miżuri jikkawża dannu rriparabbli lill-industrija tal-Unjoni u fejn il-Kummissjoni ssib, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru, li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12(1) u (2) ikunu ssodisfati, u tikkunsidra li kategorija partikolari ta' prodotti elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament u li ma tkunx soġġetta għal xi restrizzjoni kwantitattiva għandha tkun soġġetta għal limiti kwantitattivi jew miżuri ta' sorveljanza preventiva jew retrospettiva, u għalhekk raġunijiet imperattivi ta' urġenza hekk jeħtieġu, għandha tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikolu 32 għal atti delegati msemmija fl-Artikolu 12(3) sabiex taltera r-regoli tal-importazzjoni għall-prodott inkwistjoni, inkluż billi temenda l-Annessi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 14

1. Il-prodotti suġġetti għas-sorveljanza preventiva tal-Unjoni jew għall-miżuri ta' salvagwardja jistgħu jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa biss fuq il-preżentazzjoni ta' dokument ta' sorveljanza.

Fil-każ ta' miżuri tal-Unjoni ta' sorveljanza preventiva, id-dokument ta' sorveljanza għandu jinħareġ mingħajr ħlas mill-awtorità kompetenti maħtura mill-Istati Membri fi żmien massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol wara li tirċievi l-applikazzjoni magħmula lill-awtorità kompetenti nazzjonali minn kwalunkwe importatur tal-Unjoni, ikun fejn ikun il-post tagħhom tan-negozju fl-Unjoni, għal kwalunkwe kwantità mitluba. Din l-applikajoni għandha titqies li tkun ġiet irċevuta mill-awtorità kompetenti nazzjonali mhux iktar tard minn tlitt ijiem tax-xogħol wara s-sottomissjoni, sakemm ma jiġiex ippruvat mod ieħor. Id-dokument tas-sorveljanza għandu jiġi magħmul fuq formola li tikkorrispondi mal-kampjun iddikjarat fl-Anness VI. L-Artikolu 21 għandu japplika *mutatis mutandis*.

Fil-każ tal-miżuri tas-salvagward, id-dokument ta' sorveljanzagħandu jinħareġ skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV.

2. Tista' tiġi meħtieġa informazzjoni oħra minbarra dik prevista fil-paragrafu 1 meta tittieħed id-deċiżjoni li jiġu imposti miżuri ta' sorveljanza jew miżuri ta' salvagwardja.

3. Id-dokument ta' sorveljanza għandu jkun validu għall-importazzjonijiet matul it-territorju kollu fejn it-Trattat huwa applikat taħt il-kondizzjonijiet stipulat fit-Trattat, ikun min ikun l-Istat Membru tal-ħruġ, bla ħsara madanakollu, għll-miżuri meħuda fl-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament.

4. Id-dokument ta' sorveljanza fl-ebda każ ma għandujintuża wara l-iskadenza tal-perijodu li jkun ġie stabbilit fl-istess ħin u permezz tal-istess proċedura tal l-imposizzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza jew ta' salvagwardja, u li jieħdu kont tan-natura tal-prodotti u ta' fatturi speċjali oħrajn tat-transazzjonijiet.

5. Fejn deċiżjoni meħuda skont il-proċedura adatta msemmija fl-Artikolu 30 hekk teħtieġ, l-oriġini tal-prodotti taħt miżuri ta' sorveljanza jew ta' salvagwardja tal-Unjoni trid tiġi ppruvata permezz ta' ċertifikat tal-oriġini. Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet oħrajn fuq il-preżentazzjoni ta' tali ċertifikat.

▼B

6. Fejn il-prodott taħt is-sorveljanza preventiva tal-Unjoni jkun suġġett għal miżuri ta' salvagwardja reġjonali fl-Istat Membru, l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni mogħtija minn dak l-Istat Membru tista' tissostitwixxi lil dak id-dokument ta' sorveljanza.

Artikolu 15

F' konformità mal-proċedurata' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 30(2), il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, jekk x'aktarx li tinħoloq is-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(2):

— tnaqqas it-terminu ta' validita ta' kwalunkwe dokument ta' sorveljanza meħtieġ għal finijiet ta' sorveljanza,

— tagħmel il-ħruġ tad-dokument ta' sorveljanza suġġett għal ċerti kondizzjonijiet u, bħala miżura ta' eċċezzjoni, suġġett għall-inserriment ta' klawsola ta' revoka, jew, bi frekwenza u għat-tul ta' żmien indikat mill-Kummissjoni, għall-informazzjoni bil-quddiem u għall-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikoli 6 u 8.

Artikolu 16

Fejn abbażi b'mod partikolari, tal-fatturi msemmija fl-Artikoli 10, 11 u 12, joħroġ illi l-kundizzjonijiet stipulati għall-adozzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza jew ta' salvagwardja ikunu sodisfatti f'reġjun wieħed jew aktar tal-Unjoni, il-Kummissjoni, wara li tkun eżaminat soluzzjonijiet alternattivi, tista' eċċezzjonalment tawtorizza l-applikazzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza jew ta' salvagwardja limitati għar-reġjun jew reġjuni kkonċernat(i) jekk tikkonsidra illi tali miżuri applikati f'dak il-livell ikunu iżjed xierqa minn miżuri applikati matul l-Unjoni.

Dawk il-miżuri jridu jkunu temporanji u, sa fejn possibbli, ma jridux ifixklu l-operat tas-suq intern.

Dawk il-miżuri għandhom jiġu adottati skont il-proċedura adatta applikabbli għall-miżuri li għandhom jiġu adottati skont l-Artikoli 10, 11 u 12.

KAPITOLU IV

L-IMMANĠJAR TAR-RESTRIZZJONIJIET TAL-IMPORTAZZJONI TAL-UNJONI

Artikolu 17

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummisjoni bil-kwantitajiet koperti minn talbiet għall-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni illi rċevew.

2. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika l-konferma tagħha li l-wantitajiet mitluba huma disponibbli għall-importazzjoni fl-ordni kronoloġika li fiha kienu riċevuti n-notifiki tal-Istati Membri kienu rċevuti (fuq il-bażi ta' "min jasal l-ewwel jinqeda l-ewwel").

3. Fejn ikun hemm raġuni li wieħed jemmen li t-talbiet antiċipati jistgħu jaqbżu l-limiti kwantitattivi, il-Kummissjoni tista', skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(3), taqsam il-limiti kwantitattivi f'partijiet jew tiffissa ammonti massimi għal kull allokazzjoni. Il-Kummisjoni tista', skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(3), tirriserva proporzjon minn limitu kwantitattiv speċifiku għal talbiet sostnuti minn provi ta' prestazzjoni ta' importazzjoni fl-imgħoddi.

▼B

4. In-notifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu kkomunikati elettronikament fin-netwerk integrat stabbilit għal dan il-għan, sakemm għal raġunijiet tekniċi imperattivi jkun meħtieġ li temporanjament jintużaw mezzi oħra ta' komunikazzjoni.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni immedjatament wara li jkunu infurmati bi kwalunkwe kwantita li ma tiġiex użata matul il-validita tal-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni. Tali kwantitajiet mhux użati għandhom jiġu awtomatikament trasferiti fil-kwantitajiet li li jkun fadal tal-limitu totali kwantitattiv tal-Unjoni.

6. Il-Kummissjoni tista', skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(3), tieħu kwalunkwe miżura neċessarja biex timplimenta dan l-Artikolu.

Artikolu 18

1. L-importaturi kollha fl-Unjoni, irrispettivament minn fejn huma stabbiliti fl-Unjoni, jistgħu jippreżentaw applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni lil dik l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-għażla tagħhom.

2. Għall-finijiet tat-tieni sentenza tal-Artikolu 17(3), l-applikazzjonijiet tal-importaturi għadhom, fejn meħtieġ, jiġu akkumpanjati minn xhieda dokumentata ta' importazzjonijiet preċedenti għal kull kategorija u għal kull pajjiż terz konċernat.

Artikolu 19

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjoni ta' importazzjoni fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol min-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni jew fit-terminu ta' żmien stabbilit mill-Kummissjoni.

Dawk l-awtoritajiet għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni illi l-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni ġiet maħruġa fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mill-ħruġ tal-awtorizzazzjoni.

Artikolu 20

Fejn meħtieġ u skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artiklu 30(3), l-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni jistgħu jkunu suġġetti għal depożitu ta' garanzija.

Artikolu 21

1. Mingħajr preġudizzju għal miżuri meħuda taħtl-Artikolu 16, l-awtorizzazzjonijet ta' importazzjoni għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti li huma suġġetti għal-limiti kwantitattivi u għandhom ikunu validi matul it-territorju li fih it-Trattat ikun applikat skont il-kundizzjonijiet stipulati fit-Trattat, irrispettivament mill-post tal-importazzjoni msemmi fl-applikazzjonijiet mill-importaturi.

Meta l-Unjoni tintroduċi limiti temporanji għalwieħed jew aktar mir-reġjuni tagħha, skont l-Artikolu 16, dawk il-limiti m'għandhomx jipprekludu l-importazzjoni fir-reġjun(i) konċernat(i) ta' prodotti mibgħuta qabel id-data tal-introduzzjoni ta' dawk il-limiti.

▼M1

2. Il-perijodu ta’ validità tal-awtorizzazzjonijiet tal-importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandu jkun ta’ disa’ xhur. Dak il-perijodu ta’ validità jista’ jiġi modifikat fejn ikun meħtieġ, skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 30(3).

▼B

3. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni għandhom jitfasslu fuq formoli li jikkonformaw ma' kampjun li l-karatteristiċi tiegħu għandhom jiġu stabbiliti skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(3). L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, taħt il-kondizzjonijiet iffissati minnhom, jippermettu illi d-dokumenti tal-applikazzjoni jiġu ppreżentati elettronikament. Madankollu, id-dokumenti u x-xhieda kollha għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti.

4. L-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjonijiet jistgħu jinħarġu elettronikament fuq it-talba tal-importatur konċernat. Fuq it-talba debitament motivata ta' dak l-importatur, u sakemm jkun hemm konformita' mal-paragrafu 3, awtorizzazzjoni ta' importazzjoni maħruġa elettronikament tista' tiġi mibdula b'awtorizzazzjoni ta' importazzjoni fuq karta mill-awtorità kompetenti tal-istess Stat Membru li jkun ħareġ l-awtorizzazzjoni oriġinali ta' importazzjoni. Madankollu, dik l-awtorità għandha toħroġ biss awtorizzazzjoni ta' importazzjoni, bil-miktub wara li tkun żgurat illi l-awtorizzazzjoni elettronika tkun ġiet ikkanċellata.

Kwlaunkwe miżura meħtieġa sabiex jiġi implimentat dan il-paragrafu tista' tiġi adottata skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(3).

5. Fuq it-talba tal-Istat Membru kkonċernat, il-prodotti tessili fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru, b'mod partikolari fil-kuntest ta' falliment jew proċeduri simili, li għalihom ma tkunx disponibbli iktar awtorizzazzjoni valida ta' importazzjoni, jistgħu jiġu rrilaxxjati fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(3).

Artikolu 22

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(3), l-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni ma għandhomx jiġu mislufa jew trasferiti, kemm għal xi konsiderazzjoni kif ukoll meta jingħataw b'xejn, mill-persuna li f'isimha d-dokument ikun inħareġ.

Artikolu 23

Il-validità ta' awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni li huma totalment jew parzjalment mhux użati jistgħu jiġu estiżi, jekk hemmkwantitajiet biżżejjed disponibbli, skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(3).

Artikolu 24

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni fi żmien 30 ġurnata mit-tmiem ta' kull xahar, fuq il-kwantitajiet ta' prodotti li suġġetti għal-limiti kwantitattivi tal-Unjoni li jkunu ġew impurtati matul ix-xahar prċedenti.

▼M1

———

▼B

KAPITOLU VI

IT-TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET U TA' DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 30

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat tat-Tessuti. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 31

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija t lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

▼M1

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(3), l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 12(3), l-Artikolu 13 u l-Artikolu 35 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mill-20 ta' Frar 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi ta' tul ta' żmien identiku, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 3(3), l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 12(3), l-Artikolu 13 u l-Artikolu 35 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din m'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

▼B

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(2), u l-Artikoli 13 u 35 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

▼M1

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(3) jew l-Artikolu 12(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'erba' xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

▼B

Artikolu 32

1. Atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressal-ebda oġġezzjoni skont l-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(5) jew (6). F' dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att mingħajr dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Artikolu 33

1. Dan ir-Regolament m'għandux jipprekludi t-twettiq ta' obbligazzjonijiet li joħorġu minn regoli speċjali li jinsabu fi ftehimiet konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

2. Mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet oħra tal-Unjoni, dan ir-Regolament m'għandux jipprekludi l-adozzjoni jew l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta':

(a) projbizzjonijiet, restrizzjonijiet kwantitattivi jew miżuri ta' sorveljanza abbażi ta' moralita pubblika, politika pubblika jew sigurta pubblika; il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja tal-bniedem, annimali jew pjanti, il-protezzjoni ta' teżori nazzjonali li għandhom valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku, jew il-protezzjoni ta' propjeta industrijali jew kummerċjali;

(b) formalitajiet speċjali dwar il-kambju;

(c) formalitajiet introdotti bis-saħħa ta' ftehimiet internazzjonali skont it-Trattat.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-miżuri jew formalitajiet li għandhom jiġu introdotti jew emendati skont l-ewwel subparagrafu.

F'kaz ta' urġenza estrema, il-miżuri nazzjonali jew il-formalitajiet inkwistjoni għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni hekk kif jiġu adottati.

Artikolu 34

Il-Kummissjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rapport annwali tagħha dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' difiża kummerċjali ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 22a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 ([1]).

Artikolu 35

Il-Kummissjoni għandu tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 31 biex temenda l-Annessi rilevanti fejn hemm bżonn biex jieħdu kont tal-konklużjoni, l-emenda jew l-iskadenza ta' ftehimiet jew arranġamenti ma' pajjiżi terzi jew emendi li saru għar-regoli tal-Unjoni dwar l-istatistika, arranġamenti doganali jew regoli komuni għall-importazzjonijiet.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51).

▼B

Artikolu 36

Ir-Regolament (KE) Nru 517/94 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu miftuma bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VIII.

Article 37

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Gurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

▼M1

A. **PRODOTTI TESSILI MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 1**

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (NM), il-kliem tad-deskrizzjoni tal-oġġetti huwa kkunsidrat bħala li huwa ta' valur indikattiv biss għaliex il-prodotti koperti minn kull kategorija huma determinati, fi ħdan dan l-Anness, minn kodiċijiet NM. Fejn hemm is-simbolu "ex" quddiem kodiċi NM, il-prodotti koperti f'kull kategorija huma determinati mill-ambitu tal-kodiċi NM u b'dak tad-deskrizzjoni korrispondenti.

2. L-ilbiesi li ma jintgħarfux jekk humiex għall-irġiel jew għas-subien jew inkella lbies għan-nisa jew għall-bniet huma kklassifikati ma' dawk tal-aħħar.

3. Fejn tintuża l-espressjoni "ilbies għat-trabi", din hija maħsuba biex tkopri l-ilbies sal-qies kummerċjali 86, b'dan il-qies inkluż.

Kategorija	Deskrizzjoni Kodiċi tan-NM 2016	Tabella ta' ekwivalenza	
		biċċiet/kg	g/biċċa
GRUPP I A			
1	Ħjut tal-qoton, mhux maħruġa għall-bejgħ bl-imnut		
	5204 11 00 5204 19 00 5205 11 00 5205 12 00 5205 13 00 5205 14 00 5205 15 10 5205 15 90 5205 21 00 5205 22 00 5205 23 00 5205 24 00 5205 26 00 5205 27 00 5205 28 00 5205 31 00 5205 32 00 5205 33 00 5205 34 00 5205 35 00 5205 41 00 5205 42 00 5205 43 00 5205 44 00 5205 46 00 5205 47 00 5205 48 00 5206 11 00 5206 12 00 5206 13 00 5206 14 00 5206 15 00 5206 21 00 5206 22 00 5206 23 00 5206 24 00 5206 25 00 5206 31 00 5206 32 00 5206 33 00 5206 34 00 5206 35 00 5206 41 00 5206 42 00 5206 43 00 5206 44 00 5206 45 00 ex 5604 90 90		
2	Drappijiet minsuġin tal-qoton, barra mill-garża, mid-drapp tax-xugaman, id-drappijiet minsuġin dojoq, id-drappijiet tal-pil, id-drappijiet tax-xinilja, it-tull u drappijiet oħra tax-xibka		
	5208 11 10 5208 11 90 5208 12 16 5208 12 19 5208 12 96 5208 12 99 5208 13 00 5208 19 00 5208 21 10 5208 21 90 5208 22 16 5208 22 19 5208 22 96 5208 22 99 5208 23 00 5208 29 00 5208 31 00 5208 32 16 5208 32 19 5208 32 96 5208 32 99 5208 33 00 5208 39 00 5208 41 00 5208 42 00 5208 43 00 5208 49 00 5208 51 00 5208 52 00 5208 59 10 5208 59 90 5209 11 00 5209 12 00 5209 19 00 5209 21 00 5209 22 00 5209 29 00 5209 31 00 5209 32 00 5209 39 00 5209 41 00 5209 42 00 5209 43 00 5209 49 00 5209 51 00 5209 52 00 5209 59 00 5210 11 00 5210 19 00 5210 21 00 5210 29 00 5210 31 00 5210 32 00 5210 39 00 5210 41 00 5210 49 00 5210 51 00 5210 59 00 5211 11 00 5211 12 00 5211 19 00 5211 20 00 5211 31 00 5211 32 00 5211 39 00 5211 41 00 5211 42 00 5211 43 00 5211 49 10 5211 49 90 5211 51 00 5211 52 00 5211 59 00 5212 11 10 5212 11 90 5212 12 10 5212 12 90 5212 13 10 5212 13 90 5212 14 10 5212 14 90 5212 15 10 5212 15 90 5212 21 10 5212 21 90 5212 22 10 5212 22 90 5212 23 10 5212 23 90 5212 24 10 5212 24 90 5212 25 10 5212 25 90 ex 5811 00 00 ex 6308 00 00		

▼**M1**

Kategorija	Deskrizzjoni Kodiċi tan-NM 2016	Tabella ta' ekwivalenza	
		biċċiet/kg	g/biċċa
2 a)	Li minnhom: barra minn dawk li mhumiex ibbliċjati jew dawk ibbliċjati		
	5208 31 00 5208 32 16 5208 32 19 5208 32 96 5208 32 99 5208 33 00 5208 39 00 5208 41 00 5208 42 00 5208 43 00 5208 49 00 5208 51 00 5208 52 00 5208 59 10 5208 59 90 5209 31 00 5209 32 00 5209 39 00 5209 41 00 5209 42 00 5209 43 00 5209 49 00 5209 51 00 5209 52 00 5209 59 00 5210 31 00 5210 32 00 5210 39 00 5210 41 00 5210 49 00 5210 51 00 5210 59 00 5211 31 00 5211 32 00 5211 39 00 5211 41 00 5211 42 00 5211 43 00 5211 49 10 5211 49 90 5211 51 00 5211 52 00 5211 59 00 5212 13 10 5212 13 90 5212 14 10 5212 14 90 5212 15 10 5212 15 90 5212 23 10 5212 23 90 5212 24 10 5212 24 90 5212 25 10 5212 25 90 ex 5811 00 00 ex 6308 00 00		
3	Drappijiet minsuġin mill-fibri sintetiċi (mhux sħiħ, jew skartat) barra mid-drappijiet minsuġin irqaq, id-drappijiet tal-pil, (inklużi d-drappijiet tax-xugaman) u d-drappijiet tax-xinilja		
	5512 11 00 5512 19 10 5512 19 90 5512 21 00 5512 29 10 5512 29 90 5512 91 00 5512 99 10 5512 99 90 5513 11 20 5513 11 90 5513 12 00 5513 13 00 5513 19 00 5513 21 00 5513 23 10 5513 23 90 5513 29 00 5513 31 00 5513 39 00 5513 41 00 5513 49 00 5514 11 00 5514 12 00 5514 19 10 5514 19 90 5514 21 00 5514 22 00 5514 23 00 5514 29 00 5514 30 10 5514 30 30 5514 30 50 5514 30 90 5514 41 00 5514 42 00 5514 43 00 5514 49 00 5515 11 10 5515 11 30 5515 11 90 5515 12 10 5515 12 30 5515 12 90 5515 13 11 5515 13 19 5515 13 91 5515 13 99 5515 19 10 5515 19 30 5515 19 90 5515 21 10 5515 21 30 5515 21 90 5515 22 11 5515 22 19 5515 22 91 5515 22 99 5515 29 00 5515 91 10 5515 91 30 5515 91 90 5515 99 20 5515 99 40 5515 99 80 ex 5803 00 90 ex 5905 00 70 ex 6308 00 00		
3 a)	Li minnhom: barra minn dawk li mhumiex ibbliċjati jew dawk ibbliċjati		
	5512 19 10 5512 19 90 5512 29 10 5512 29 90 5512 99 10 5512 99 90 5513 21 00 5513 23 10 5513 23 90 5513 29 00 5513 31 00 5513 39 00 5513 41 00 5513 49 00 5514 21 00 5514 22 00 5514 23 00 5514 29 00 5514 30 10 5514 30 30 5514 30 50 5514 30 90 5514 41 00 5514 42 00 5514 43 00 5514 49 00 5515 11 30 5515 11 90 5515 12 30 5515 12 90 5515 13 19 5515 13 99 5515 19 30 5515 19 90 5515 21 30 5515 21 90 5515 22 19 5515 22 99 ex 5515 29 00 5515 91 30 5515 91 90 5515 99 40 5515 99 80 ex 5803 00 90 ex 5905 00 70 ex 6308 00 00		
GRUPP I B			
4	Qomos, T-shirts, tgeżwira ħafifa maħduma b'mod fin, ġampers polo jew turtle necked u pullovers (barra minn dawk tas-suf jew tal-pil fin tal-annimali), flokkijiet ta' taħt u affarijiet simili, magħmulin bil-labar jew bil-ganċ	6,48	154
	6105 10 00 6105 20 10 6105 20 90 6105 90 10 6109 10 00 6109 90 20 6110 20 10 6110 30 10	—	—

▼**M1**

Kategorija	Deskrizzjoni Kodiċi tan-NM 2016	Tabella ta' ekwivalenza	
		biċċiet/kg	g/biċċa
5	Ġersijiet, pullovers, slip-overs, sdieri, twinsets, cardigans, bed-jackets u ġampers (minbarra ġkieket u blejżers), anoraks, wind-cheaters, waister jackets u affarijiet simili, magħmulin bil-labar jew bil-ganċ	4,53	221
	ex 6101 90 80 6101 20 90 6101 30 90 6102 10 90 6102 20 90 6102 30 90 6110 11 10 6110 11 30 6110 11 90 6110 12 10 6110 12 90 6110 19 10 6110 19 90 6110 20 91 6110 20 99 6110 30 91 6110 30 99	—	—
6	Qliezet minsuġin li jaslu sal-irkoppa, xorts minbarra malji tal-għawm u qliezet (inklużi qliezet komdi) għall-irġiel u għas-subien; qliezet minsuġin u qliezet komdi, tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi għannisa u għall-bniet; il-partijiet t'isfel tat-track suits infurrati, minbarra dawk tal-kategoriji 16 jew 29, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi	1,76	568
	6203 41 10 6203 41 90 6203 42 31 6203 42 33 6203 42 35 6203 42 90 6203 43 19 6203 43 90 6203 49 19 6203 49 50 6204 61 10 6204 62 31 6204 62 33 6204 62 39 6204 63 18 6204 69 18 6211 32 42 6211 33 42 6211 42 42 6211 43 42	—	—
7	Blawżijiet, qomos u qomos-blawżijiet tan-nisa u tal-bniet, kemm dawk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ kemm dawk li mhumiex, magħmulin bis-suf jew bil-fibri sintetiċi	5,55	180
	6106 10 00 6106 20 00 6106 90 10 6206 20 00 6206 30 00 6206 40 00	—	—
8	Qomos tal-irġiel jew tas-subien, għajr dawk magħmulin bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi	4,60	217
	ex 6205 90 80 6205 20 00 6205 30 00	—	—
GRUPP II A			
9	Drapp tax-xugaman u drappijiet simili tat-terri minsuġin tal-qoton; bjankerija tal-kamra tal-banju u bjankerija tal-kċina, minbarra dawk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, mid-drapp tax-xugaman tat-terri u drappijiet tat-terri minsuġin, tal-qoton		
	5802 11 00 5802 19 00 ex 6302 60 00		
20	Bjankerija tas-sodda, minbarra dawk magħmulin bil-labar jew bil-ganċ		
	6302 21 00 6302 22 90 6302 29 90 6302 31 00 6302 32 90 6302 39 90		

▼**M1**

Kategorija	Deskrizzjoni Kodiċi tan-NM 2016	Tabella ta' ekwivalenza	
		biċċiet/kg	g/biċċa
22	Ħajt tal-fibri sintetiċi, jew dawk ta' tul predeterminat jew dawk skartati, mhux għall-bejgħ bl-imnut		
	5508 10 10 5509 11 00 5509 12 00 5509 21 00 5509 22 00 5509 31 00 5509 32 00 5509 41 00 5509 42 00 5509 51 00 5509 52 00 5509 53 00 5509 59 00 5509 61 00 5509 62 00 5509 69 00 5509 91 00 5509 92 00 5509 99 00		
22 a)	Li minnu: akriliku		
	ex 5508 10 10 5509 31 00 5509 32 00 5509 61 00 5509 62 00 5509 69 00		
23	Ħajt tal-fibri sintetiċi, jew dawk ta' tul predeterminat jew dawk skartati, mhux għall-bejgħ bl-imnut		
	5508 20 10 5510 11 00 5510 12 00 5510 20 00 5510 30 00 5510 90 00		
32	Drappijiet minsuġin tal-pil u drappijiet tax-xinilja (minbarra d-drapp tax-xugaman tat-terri jew drappijiet tat-terri tal-qoton u drappijiet minsuġin irqiq) uċuh tat-tessut bit-trofof, tas-suf, tal-qoton, jew tat-tessut magħmul mill-fibri sintetiċi		
	5801 10 00 5801 21 00 5801 22 00 5801 23 00 5801 26 00 5801 27 00 5801 31 00 5801 32 00 5801 33 00 5801 36 00 5801 37 00 5802 20 00 5802 30 00		
32 a)	Li minnhom: korduroj tal-qoton		
	5801 22 00		
39	Bjankerija tal-mejda, bjankerija tal-kamra tal-banju u bjankerija tal-kċina, minbarra dawk magħmulin bil-labar jew bil-ganċ, u minbarra x-xugamani tat-terri jew tad-drappijiet simili tat-terri tal-qoton		
	6302 51 00 6302 53 90 ex 6302 59 90 6302 91 00 6302 93 90 ex 6302 99 90		
GRUPP II B			
12	Panty-hose u tights, kalzetti, kalzetti ta' taħt, peduni, peduni tal-għaksa, kalzettini u affarijiet simili, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, minbarra dawk tat-trabi, inklużi l-kalzetti għall-vini varikuži, minbarra l-prodotti tal-kategorija 70	24,3 pari	41
	ex 6115 10 10 6115 10 90 6115 22 00 6115 29 00 6115 30 11 6115 30 90 6115 94 00 6115 95 00 6115 96 10 6115 96 99 6115 99 00	—	—

▼**M1**

Kategorija	Deskrizzjoni Kodiċi tan-NM 2016	Tabella ta' ekwivalenza	
		biċċiet/kg	g/biċċa
13	Qliezet ta' taħt u qliezet ta' taħt imqaċċtin tal-irġiel u tas-subien, qliezet ta' taħt u qliezet ta' taħt imqaċċtin tan-nisa u tal-bniet, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi	17	59
	6107 11 00 6107 12 00 6107 19 00 6108 21 00 6108 22 00 6108 29 00 ex 6212 10 10 ex 9619 00 50	—	—
14	Sraten minsuġin tal-irġiel jew tas-subien, kapotti għax-xita u kowtijiet oħrajn, imnatar u kapep, tas-suf, tal-qoton, jew tat-tessut magħmul mill-fibri sintetiċi (minbarra l-parkas) (tal-kategorija 21)	0,72	1389
	6201 11 00 ex 6201 12 10 ex 6201 12 90 ex 6201 13 10 ex 6201 13 90 6210 20 00	—	—
15	Sraten minsuġin, kapotti għax-xita u kowtijiet oħrajn, imnatar u kapep, tan-nisa u tal-bniet; ġkieket u blejżers tas-suf, tal-qoton jew tat-tessut magħmulin mill-fibri sintetiċi (minbarra l-parkas) (tal-kategorija 21)	0,84	1190
	6202 11 00 ex 6202 12 10 ex 6202 12 90 ex 6202 13 10 ex 6202 13 90 6204 31 00 6204 32 90 6204 33 90 6204 39 19 6210 30 00	—	—
16	Ilbiesi u ensembles tal-irġiel jew tas-subien, minbarra dawk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi, minbarra l-iski suits; track suits infurrati tal-irġiel jew tas-subien, bil-qoxra ta' barra magħmula minn drapp identiku waħdieni, tal-qoton jew tat-tessuti sintetiċi	0,80	1250
	6203 11 00 6203 12 00 6203 19 10 6203 19 30 6203 22 80 6203 23 80 6203 29 18 6203 29 30 6211 32 31 6211 33 31	—	—
17	Ġkieket jew blejżers tal-irġiel u tas-subien, minbarra dawk magħmulin bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf jew tal-fibri sintetiċi	1,43	700
	6203 31 00 6203 32 90 6203 33 90 6203 39 19	—	—
18	Singlets u flokkijiet ta' taħt oħrajn, qliezet ta' taħt u qliezet ta' taħt imqaċċtin, qomos ta' bil-lejl, piġamijiet, ġagagi tal-banju, ġagagi u oġġetti simili, tal-irġiel jew tas-subien minbarra dawk magħmulin bil-labar jew bil-ganċ		
	6207 11 00 6207 19 00 6207 21 00 6207 22 00 6207 29 00 6207 91 00 6207 99 10 6207 99 90		
	Singlets u flokkijiet ta' taħt oħrajn, slips, ilbiesi ta' taħt, qliezet ta' taħt imqaċċtin, qliezet ta' taħt, ilbiesi ta' bil-lejl, piġamijiet, négligees, ġagagi tal-banju, ġagagi u oġġetti simili, tan-nisa u tal-bniet minbarra dawk magħmulin bil-labar jew bil-ganċ		
	6208 11 00 6208 19 00 6208 21 00 6208 22 00 6208 29 00 6208 91 00 6208 92 00 6208 99 00 ex 6212 10 10 ex 9619 00 50		

▼**M1**

Kategorija	Deskrizzjoni Kodiċi tan-NM 2016	Tabella ta' ekwivalenza	
		biċċiet/kg	g/biċċa
19	Imkatar, minbarra dawk magħmulin bil-labar jew bil-ganċ	59	17
	6213 20 00 ex 6213 90 00	—	—
